Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D.

Appell Nru: 158/2019

Il-Pulizija

(Spettur John Spiteri)

(Spettur Joseph Busuttil)

Vs

Neil Zammit

Illum 15 ta' Ottubru, 2019

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Neil Zammit detentur tal-karta tal-identità Maltija bin-numru 347297M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

1. Fit-3 t' April, 2016 gewwa dawn il-Gzejjer fil-Furjana, ippartecipa f' attivitajiet sesswali ma' persuna taht l-eta' u cioe Nicole Cassar minuri ta' 14 –il sena, ID 290801L;

2. Aktar talli matul il-lejl ta' bejn il-15 ta' Mejju 2016 u is-16 ta' Mejju 2016 gewwa dawn il-Gzejjer saq vettura b' numru ta' registrazzjoni GAT 683 tal-ghamla Toyota Tercel ta' kulur abjad b' mod traskurat, perikoluz u bla kont;

3. Aktar talli b′ diversi atti maghmulin minnu ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b′ rizoluzzjoni wahda matul ix-xhur t′ April 2016 u Mejju 2016 saq vettura bil-mutur tar-registrazzjoni GAT683 tal-ghamla Toyota Tercel ta′ kulur abjad minghajr licenzja ta′ sewqan;

4. Aktar talli f′ dawn il-Gzejjer fil-lejl ta′ bejn il-15 ta′ Mejju 2016 u s-16 ta′ Mejju 2016 xjentement gieghel, hajjar jew ta ghajnuna jew b′ xi mod iehor ghen jew assista lil Alexia Hamed ID: 341199M, Justine Agius ID: 376700L, Yasmin Aswid ID: 331900L biex tahrab jew biex tkun jew tibqa nieqsa kif imsemmi fis-subartikolu (1) ta′ Artiklu 12 ta′ Kap 285 tal-Ligijiet ta′ Malta;

5. Aktar talli f′ dawn il-Gzejjer fil-lejl ta′ bejn il-15 ta′ Mejju 2016 u s-16 ta′ Mejju 2016 m′ obdiex l-ordnijiet legittimi tal-awtorita jew ta′ wiehed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku, jew ma halliex jew fixkel waqt li kien jaghmel id-dmirijiet tieghu, jew b′ xi mod iehor, bla jedd, indahal fi dmiru, billi ma halliex lil haddiehor jaghmel dak li b′ ligi jkun ordnat jew seta′ jaghmel, jew billi gab fix-xejn jew hassart dak li haddiehor ghamel skont il ligi jew b′ xi mod iehor li kien, kemm-il darba din id-disubbidjenza jew dan l-indhil ma kinux jaqghu taht dispozizzjonijiet ohra ta′ dan il-Kodici jew ta′ Ligi ohra;

6. U aktar talli kiser il-provvediment tal-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-ligijiet ta′ Malta b′ sentenzi moghtija mill-Qrati tal-Magistrati (Malta) waqt il perjodu operattiv taghhom mahruga mill Magistrat Dr. C. Clarke LL.D datata id-19 ta′ Gunju 2013; Magistrat Dr. C. Peralta LL.D datata nhar it-18 ta′ Marzu 2014, Magistrat Dr. D. Clarke LL.D datata fit 22 ta′ Mejju 2014; Magistrat Dr. D. Clarke datata nhar it-22 t′ April, 2015.

F′ kaz ta′ htija l-Qorti giet mitluba titratta lill-imputat bhala recidiv u dan wara li nghata diversi sentenzi, liema sentenzi huma definittivi u ma jistawx jigu mibdula.

Il-Qorti giet gentilment mitluba li f' kaz ta' htija minbarra li tinflingi l-piena stabbiliti mill-Ligi tordna lill-imsemmija persuna sabiex thallas l-ispejjez li ghandhom x' jaqsmu mal-hatra tal-esperti, jekk ikun il-kaz, kif provdut fl-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tas-16 ta' Mejju, 2019, fejn il-Qorti wara li rat l-Artikoli 17, 18, 204C (1) u 388 (ee), tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikoli 15 (1) (a) u (2) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikolu 12 (2) tal-Kapitolu 285 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikoli 7 u 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti sabet lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu, izda mhux tal-addebitu tar-recidiva ghar-ragunijiet hawn fuq spjegati, u kkundannatu sentejn (2) prigunerija u skwalifikatu milli jzomm jew jottjeni licenzja tas-sewqan ghal zmien sena millum. Sabiex tigi protetta l-identità tal-minuri, il-Qorti ordnat d-divjet tal-pubblikazzjoni ta' isem il-minuri fi kwalunkwe mezz ta' komunikazzjoni.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Neil Zammit, ipprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fil-31 ta' Mejju 2019, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata fejn filwaqt illi tikkonfermaha f'dik il-parti tas-sentenza fejn il-Qorti ma sabitux hati tal-ahhar akkuza tar-recediva, tilliberah mis-sitt (6) akkuzi l-ohra kollha migjuba fil-konfront tieghu ghar-ragunijiet tal-ewwel u t-tieni aggravji u konsegwentement tilliberah minnhom u ghalhekk thassar u tirrevoka s-sentenza appellata fejn sabet lill-appellant hati tal-ewwel, tat-tieni, tat-tielet, tar-raba', il-hames u s-sitt akkuzi migjuba

fil-konfront tieghu u konsegwentement tilliberah minn kull htija u piena; jew alternattivament tirriforma s-sentenza appellata fil-parti tal-piena inflitta u dan billi minflok, timponi piena aktar ekwa u gusta ghac-cirkostanzi tal-kaz.

Rat ir-rikors tal-appellant Neil Zammit prezentat fir-registru ta din il-Qorti nhar l-20 ta Settembru 2019 fejn ppremetta s-segwenti:-

1. Illi huw akien intavola rikros tal-appell fil-31 ta Mejju 2019 minn sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta Gudikatura Kriminali nharis-16 ta Mejju 2019
2. Illi bi zvista meta saru l-kopji fil-hanut tal photocopy, il-persuna responsabbli mill-fotokopji halite barra l-pagna ta qabel ta l-ahhar tar-rikors tal Appell Kirminali ( Inferjuri)

Ghalhekk talab li jigi awtorizzat jisnerixxi il-pagna nieqsa annessa mar-rikros tieghu tal-20 ta Settembru 2019.

Il-Qorti ordnat li dan ir-rikors jigi notifikat lill-Avukat Generali b'digriet taghha ta-20 ta' Settembru 2019.

Rat ir-risposta tal-Avukat Generali prezentata fir-registru ta din il-Qorti nhar l-24 ta Settembru 2019 fejn oggezzjona ghat-talba tar-rikorrenti u dan fuq premessa li kien qed jipprezenta aggravji godda relattivi ghall-piena u dan in vista tat-terminu li fih ghandu jigi prezentat appell huw awiehed perentorju u l-espoennt m'ghandux kontroll fuq dak li qed jigi registrat f'dn l-sitadju tardiv.

L-Avuakt Generali stqarr ukoll li huwa konsapevoli bl'iktar emendi efficjenti li effettwaw l-artikou 419 (1) tal-kapitolu 9 tal-igijiet ta Malta cioe dawk li dahu fis-ehh vl-Att 1 ta-sena 2018. Fis-ub inciz 22 (3) ta l-istess Att 1 tas-ena 2018 wiehed isib l-ittra 'F' Artikolu 419 (1) tieghu, il-kliem 'taht piena ta' nullita' ghandu jigi imhassar. Flimkien ma din l-emenda, l-istess Att iservi ukoll sabeix jestendi t-terminu li fih ghandu jigi prezentat l-Appell minn kawzi maqtugha mill-Qorti tal-magistrati ghal 12 il jum tax-

xoghol. Dawn l-inizjattivi fuq il-font tal-ligi procedurali penali hua dimostrazzjoni reali tal=intensjoni tal-legislatur li inaqqas ir-rigidita procedurali sabiex isalva l-atti.

L-Avukat Generali ghamel referenza ukoll ghall kazistika oghtija minn din l-istss Qorti fl-ismijiet **__il Pulizija vs Mark Gaffarena__** deciza fis-6 ta Novembru 2018 fejn kienet giet eccepita in-nulita minhabba l-fatt li l"fatti fil-qososr" ma gewx inkluzi fir-rikros tal-Appell hekk kif stabilit fl-artikikoli 410 tal-ligijiet ta' Malta. Peress li din il-formalita kienet nieqsa wara l- introduzzjoni ta' l-Att 1 tas-sena 2018 din l Onorabbli Qorti gustament idderigiet l-Avukat difensur tal- appellant sabiex jipprezenta rikors ta' korrezzjoni sabiex b'hekk isalva l-atti.

F'dan il-kaz pero ma hux mitlub li jigu prezentati xi provi, xhieda jew aggravji godda izda hemm talba a hoc sabeix pagna minn rikors li thalliet barra minnu tigi annessa mar-rikors biex l-istess rikors ikun komplut.

Semghet ill-partijiet jittrattaw ir-rikors fis-seduta tas-26 ta' Settembru, 2019.

Ikkunsidrat.

Illi jinghad li bhala teorija l-aktar accettabbli mill-Qrati, f'kazijiet ta' nullita' ta' l-atti, hi dik li tiffavorixxi l-ammissibilita' u mhux in-nullita' ta' l-att. Dan in omagg ghal principju illi n-nullitajiet ghad-deficjenzi procedurali ghandhom jigu skoraggiti u fejn hu possibbli l-atti jigu salvati. Dan qed jinghad ghaliex b' dik il-folja nieqsa fir-rikors, ir-rikors ma jghamilx sens.

Issa f'dan il-kaz l-Avukat Generali qed joggezzjona ghat-talba rikorrenti ghaliex qed isostni jew ahjar jemmen li r-rikorrenti qed jiehu l-opportunita li jippresenta aggravju ultejuri li f'dan l-istajdu mhux ammess stante li l-perijodu biex jigi prezentat ir rikors tal-appell bl-aggravji huwa wihed perentorju.Jinghad li f'dan il-kaz ir- rikorrenti mhux qed jitlob li jzid aggravju izda jixtieq jinghata l-fakolta li jigi awtorizzat jipprezenta din il-folja biex b'hekk ir-rikros tieghu ijkun komplut.

Din il-Qorti pero' ezaminat ir-rikors li gie prezentat fit-terminu preskritt mill-ligi u cioe nhar il-31 ta' Mejju 2019 ( fol. 293) u rat li dan id-dokument jikkonsisti f'sittax il-folja u huwa appell piuttost dettaljat. Meta fliet il-folji innutat li l-folja ta' qabel ta l-ahhar kienet nieqsa u dan ghaliex ma hemmx kontinwita bejn l-pagna ta' qabel l-ahhar u dik ahharija .

Il-Qorti tripproduci testwalment l-ahhar kliem tal-pagna ta' qabel ta' l-ahhar u cioe " *B'hekk minflok jigi reformat , hemm il-possibilita illi huwa jiehu…"* u l-pagna ta wara tkompli "*…umilment lil din l-Onorabbi Qorti*".

Ghalhekk huwa evidenti li fil-fatt kien hemm faccata nieqsa ghaliex ma hemmx kontinwita fis-sentenza. Din mhiex kwisjtoni fejn ir-rikorrenti qed jiehu l-opportunita' li izid aggravju kif suggerit mill-Avukat Generali izda rikors sabiex jirregola l-atti tieghu li b'lapsus gew intavolati hziena. Din il-Qorti trid li taghmel gustizzja u ghalhekk fil-kaz in desamina thoss li hija ghandha taghmel gustizzja mar-rikorrnti u tawtorizzah jipprezent din il-pagna anness mar-rikors tieghu u dan sabiex l-atti prezentati minnu originarjament ikunu integri. Dan hu klass klassiku ta' lasus genwin u l-Qorti ma thossx li ghandha toggezjona ghal din it-talba rikorrenti a skapitu li taghmel ingustizzja ma l-appellant.

(ft) Consuelo Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur